MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-5 ta' Frar, 2014

Numru. 16/2013

**Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Richard Mercieca**

Numru: 16/2013

Illum 5 ta' Frar 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Richard Mercieca** ta' sitta u erbghin (46) sena, iben Victor u Josephine neé Galea, imwieled Pieta' Malta, nhar it-22 ta' Lulju 1966, residenti nru. 29, Nadrich, Triq Patri Marjanu Vella, Iklin, Malta u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 324466(M) akkuzat talli nhar it-2 ta' Awwissu

2012 u fil-granet u xhur ta' wara gewwa l-gzira ta' Kemmuna u f'postijiet ohra gewwa Malta u Ghawdex, f'hinjiet differenti:

1. ikkommetta serq ta' flus, kartiera tal-marka O'Neil, *mobile phone* tal-ghamla Iphone u *mobile phone* tal-ghamla HTC liema serq huwa aggravat bil-valur li jammonta ghal aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) ghad-detriment ta' Michael Tonna (I.D. Nru. 83897M), Steven De Marco (I.D. Nru. 360497M), u Matteo Ebejer (I.D. Nru. 163297M);

2. fl-istess, data, hin, lok u cirkustanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom ghad-detriment ta' Michael Tonna (I.D. Nru. 83897M), Steven De Marco (I.D. Nru. 360497M), u Matteo Ebejer (I.D. Nru. 163297M);

3. sar recediv b'sentenzi moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "I").

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni tirtira l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti li huwa hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu tal-ammissjoni tal-imputat ghat-tieni (2) u ghat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, jirrizulta li dawn iz-zewg imputazzjonijiet gew sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u li gew pruvati, il-fedina penali tal-imputat (Dok. “B”), u l-ammissjoni bikrija tal-imputat ghat-tieni (2) u ghat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. Il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata **l-ahhar cans** sabiex jirriforma hajtu u b’hekk ser tapplika dak predispost f’Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, u dana *stante* li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, wara li rat Artikoli 49, 50, 261(c), 267 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Richard Mercieca hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta’ l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed lill-imputat Richard Mercieca taht ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ tlitt (3) snin mil-lum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma’ din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti fissret lill-imputat Richard Mercieca bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta’ l-ordni ta’ *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma’ din is-sentenza u li f’kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma’ dik

l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Richard Mercieca.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------